A.L. 319 ta' l-2004

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(KAP. 406)

Regolamenti ta' l-2004 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas lura lil Persuni mhux Residenti)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 71 u 75 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2004 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas lura lil Persuni mhux Residenti).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Mejju, 2004 u għandhom jgħoddu għal xiri, magħmul minn vjaġġaturi mhux residenti, ta' oġġetti li jinħarġu mill-Komunità fil-bagolli personali tagħhom f'din id-data jew wara din id-data.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ mod ieħor -

"domiċilju jew residenza fejn soltu jgħix" tfisser il-lok kif imdaħħal f'passaport, karta ta' l-identità jew xi dokument ieħor ta' identità hekk kif l-awtoritajiet Maltin, li fit-territorju tagħhom isseħħ il-provvista, iqisu li jkun validu;

"dritt amministrattiv" tfisser dritt ta' għaxar liri jew erba' fil-mija tal-ħlas lura mitlub, skond liema jkun ogħla;

"vjaġġatur mhux residenti" tfisser vjaġġatur li d-domiċilju tiegħu jew ir-residenza fejn soltu jgħix ma jkunux jinsabu ġewwa l-Komunità, li fil-jum tat-tluq, ma jkunx ilu f'Malta għal aktar minn sitt xhur.

(2) Kliem u frażijiet oħra użati f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom t-tifsir mogħti lilhom fl-Att.

Kondizzjonijiet.

3. Għandu jsir ħlas lura ta' taxxa fuq il-valur miżjud imħallas fuq oġġetti mixtrija f'Malta minn vjaġġaturi mhux residenti, lil dawk il-vjaġġaturi mhux residenti, meta l-oġġetti jinħarġu minn Malta lejn destinazzjoni finali barra l-Komunità fil-bagolli akkumpanjati minn dawk il-vjaġġaturi mhux residenti qabel tmiem-it tielet xahar li jiġi wara dak li fih tkun saret il-provvista, iżda:

(a) l-applikazzjoni ssir fuq dik il-formola hekk kif il-Kummissarju jista' japprova;

(b) isir il-ħlas ta' dritt amministrattiv li jitnaqqas direttament mill-Kummissarju mill-ammont ta' ħlas lura mitlub:

(ċ) l-oġġetti jiġu uffiċjalment ċertifikati li jkunu nħarġu minn Malta mill-post tal-ħruġ, u, fil-każ ta' vjaġġatur mhux residenti li jittransita minn ġo xi Stat Membru ieħor jew Stati Membri oħra, timbru li l-oġġetti jkunu telqu mill-Komunità;

(d) ir-riċevuti fiskali oriġinali li jkunu jirreferu għax-xiri ta' l-oġġetti li dwarhom ikun qiegħed jintalab il-ħlas lura għandhom ikunu mehmuża mal-formola preskritta.

Meta m'għandhomx japplikaw dawn ir-regolamenti.

4. Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal:

(a) oġġetti ta' konsum li jiġi kkunsmati kollha kemm huma jew f'parti minnhom f'Malta;

(b) oġġetti esportati għal għanijiet kummerċjali.

L-anqas limitu.

5. Il-ħlas lura għandu japplika biss għal dawk l-oġġetti fejn il-valur ta' dawk l-oġġetti mixtrijin minn xi stabbiliment reġistrat, kif muri fuq riċevuta fiskali waħda, ma jkunx ta' anqas minn ħamsa u għoxrin lira.

Ħlas lura.

6. Kull ħlas lura approvat għandu jsir permezz ta' *draft* mibgħuta bil-posta fl-indirizz ta' l-applikant kif muri fuq il-formola preskritta f'munita li hu nnifsu jkun għażel fuq dik il-formola.

Jirrevoka A.L. 117 ta' l-1999.

7. Ir-Regolamenti ta' l-1999 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas lura lill-Persuni li ma jkunux Residenti), qegħdin b'dawn jiġu revokati.